MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1072/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Saviour Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Saviour Gauci ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben Anthony u Carmela neè Bonnici, imwieled fil-15 ta' Dicembru 1959 Tal-Pietà u residenti 71, Nag, Flat 2, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 13160(M), talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fi Triq Ruzar Briffa, Mosta, fl-inhawi maghrufa bhala taz-Zokkrija, fil-25 ta' Ottubru 2013, ikkommetta serq ta' accessorji ta' vetturi w affarijiet ohra

relatati ma' vetturi li jammontaw ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Joseph Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 316957(M), u/jew persuni ohra, aggravat bil-valur u bil-lok a tenur ta' l-Artikoli 267 u 269(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament gharraq, hassar u/jew kisser *windscreen* ta' vettura li jiswa iktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Joseph Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 316957(M), u/jew persuni ohra, a tenur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xejntement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom, senjatament *spoiler* ta' vettura, a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Naqas milli javza lill-ufficjal awtorizzat bil-bdil ta' l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità u naqas milli jikkonsenja d-dokument mhux korrett lill-istess ufficjal awtorizzat, a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru CAQ-414 mingajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskji tat-terzi persuni, a tenur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru CAQ-414 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq, a tenur ta' l-Artikolu 14(1) ta' l-Avviz Legali 476 ta' l-2004 u a tenur ta' l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tiskwlifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq u li f'kaz ta' htija wkoll il-Qorti tittratta ma' l-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi setenzi li huma definittivi u li a jistghux jigu mibdula, a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. “JB1”, ir-Rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz markat Dok. “JB2”, estratt tac-certifikat tat-twelid ta’ l-imputat markat Dok. “JB3”, il-fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “JB4”, certifikat rilaxxjat minn Dr. Joseph Fenech mill-Isptar Monte Carmeli markat Dok. “JB5” u l-licenzja li kienet imwahhla mal-vettura ta’ l-imputat markata Dok. “JB6”;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli: (i) f'dawn il-Gzejjer, fi Triq Ruzar Briffa, Mosta, fl-inhawi maghrufa bhala taz-Zokkrija, fil-25 ta' Ottubru 2013, ikkommetta serq ta' accessorji ta' vetturi w affarijiet ohra relatati ma' vetturi li jammontaw ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Joseph Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 316957(M), u/jew persuni ohra, aggravat bil-valur u bil-lok a tenur ta' l-Artikoli 267 u 269(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament gharraq, hassar u/jew kisser *windscreen* ta' vettura li jiswa iktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Joseph Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 316957(M), u/jew persuni ohra, a tenur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xejntement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li

jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom, senjatament *spoiler* ta' vettura, a tenur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) naqas milli javza lill-ufficjal awtorizzat bil-bdil ta' l-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità u naqas milli jikkonsenja d-dokument mhux korrett lill-istess ufficjal awtorizzat, a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru CAQ-414 mingajr ma kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskji tat-terzi persuni a tenur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru CAQ-414 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq, a tenur ta' l-Artikolu 14(1) ta' l-Avviz Legali 476 ta' l-2004 u a tenur ta' l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li f'kaz ta' htija il-Qorti tiskwlifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq u li f'kaz ta' htija wkoll il-Qorti tittratta ma' l-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi setenzi li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula, a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.
Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-atti tal-kawza u waqt is-smigh tas-26 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, b'dana li tosserva illi t-tielet akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u jidher li ikkoopera mal-Pulizija, ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ma setghetx tinjora n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat kif ukoll il-fatt li mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta huwa ripetutament instab hati ta' diversi reati, fosthom numerevoli reati ta' serq kif ukoll ta' diversi reati ta' sewqan ta' vettura minghajr id-debita kopertura asskurattiva.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 289, 267, 269(c) u 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 19 tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 14(1) ta' l-Avviz Legali 479 ta' l-2004, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettiva.

A tenur ta' l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAQ-414 u a tenur ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinzamm fl-Isptar Monte Carmeli u dana stante li bejn l-25 ta' Ottubru 2013 u s-26 ta' Ottubru 2013 huwa già ipprova jikkommetti suwicidju. Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------